A.L. 314 ta' l-2005

ATT TA' L-2001 DWAR IS-SERVIZZI VETERINARJI (ATT NRU. XXIII TA' L-2001)

Miżuri għall-Qerda tal-Bruċellosi, Tuberkulosi u Lewkosi fl-Ifrat

BIS-SAĦĦA tas-setgħa mogħtija bl-artikolu 5(1) ta' l-Att ta' l-2001 dwar is-Servizzi Veterinarji, il-Ministru ta' l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu, skop u applikazzjoni.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli hu Regoli ta' l-2005 dwar il-Miżuri għall-Qerda tal-Bruċellosi, Tuberkulosi u Lewkosi fl-Ifrat.

(2) L-iskop ta' dawn ir-regoli hu l-implimetazzjoni tar-regoli mniżżla taħt id-Direttiva tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea 77/391/KEE li tintrodui miżuri Komunitarji għall-qerda tal-bruċellosi, tuberkulosi u lewkosi fl-ifrat.

(3) Dawn ir-regoli jistabbilixxu regoli sabiex jitjieb l-istat tas-saħħa ta' l-ifrat f'Malta u titħaffef jew tiġi ntensifikata l-qerda tal-bruċellosi u t-tuberkulosi u li tinqered il-lewkosi.

Tifsir.

2. Għall-finijiet ta' dawn ir-regoli, u kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma titlobx mod ieħor –

"awtorità kompetenti" tfisser is-Servizzi Veterinarji fit-territorju ta' Malta kif provdut taħt artikolu 2 ta' l-Att Dwar is-Servizzi Veterinarji;

"il-Fond" tfisser Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija;

"il-Komunità" tfisser il-Komunità Ewropea kif stabbilit taħt it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea;

"il-Kumitat" tfisser Kumitat Veterinarju Permanenti;

"il-Kummissjoni" tfisser il-Kummissjoni Ewropea;

"il-Kunsill" tfisser il-Kunsill tal-Ministri tal-Komunità;

"it-Trattat" tfisser it-Trattat li jistabbilixxi l-Unjoni Ewropea;

"Stat Membru" tfisser Stat li huwa Membru fil-Komunità Ewropea.

Pjanijiet sabiex titħaffef il-qerda tal-bruċellosi bovina.

3. (1) Għall-fini ta' dawn ir-regoli, meta f'Malta l-popolazzjoni ta' l-ifrat hija infettata bil-bruċellosi bovina, l-awtorità kompetenti għandha tfassal pjanijiet sabiex titħaffef il-qerda ta' din il-marda fit-territorju tagħha, taħt il-kondizzjonijiet stipulati fis-subregoli (2) u (3) ta' din ir-regola.

(2) Il-pjanijiet sabiex titħaffef il-qerda tal-bruċellosi bovina għandhom jiġu hekk imfassla mill-awtorità kompetenti b'mod li wara li jitlestew, l-imrieħel jiġu klassifikati bħala "uffiċjalment ħielsa mill-bruċellosi", skond il-provvedimenti Komunitarji, u b'mod partikolari d-Direttiva tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea 64/432/KEE dwar problemi ta' saħħa fl-annimali li jolqtu l-kummerċ intra-Komunitarju ta' annimali bovini u majjali, kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropeja 75/379/KEE:

Iżda il-pjan għandu jkun fih lista ta' miżuri li jridu jittieħdu sabiex titħaffef u tiġi intensifikata l-qerda tal-bruċellosi bovina u għandu jispeċifika l-miżuri li bihom din il-marda tiġi miġġielda u evitata.

(3) L-awtorita' kompetenti għandha tirrapporta lill-Kummissjoni:

(a) il-perċentwali u l-għadd totali ta' mrieħel soġġetti għall-miżuri ta' kontroll, u ta' mrieħel li jkunu ġew ikkonfermati bħala li għandhom il-bruċellosi bovina;

(b) l-għadd totali:

(i) ta' annimali soġġetti għal miżuri ta' kontroll;

(ii) ta' annimali li huma suspettati li għandhom il-marda tal-bruċellosi jew li huma kunsidrati li huma infettati;

(iii) ta' annimali infettati;

(iv) ta' annimali maqtula;

(ċ) it-tul ippjanat tal-programmi tal-qerda inizjali u tal-pjanijiet imħaffa;

(d) il-metodu ta' kontroll applikat għall-verifika ta' l-applikazzjoni effettiva tal-pjanijiet imħaffa;

(e) l-allokazzjoni ta' l-estimi nazzjonali għall-qerda tal-bruċellosi bovina u d-divizjoni skond kull partita ta' dawn l-allokazzjonijiet:

Iżda l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi (a), (b) u (e) hawn qabel għandha tingħata għat-tliet snin li jippreċedu l-applikazzjoni tal-miżuri mħaffa, u ta' kull sena minn hemm 'il quddiem.

(4) Meta fil-ġurisdizzjoni ta' l-awtorità kompetenti, il-popolazzjoni bovina tkun ħielsa mill-marda tal-bruċellosi bovina, l-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-Kummissjoni bil-miżuri kollha meħuda minnha biex jiġi prevenut il-qawmien mill-ġdid ta' din il-marda.

Pjanijiet sabiex titħaffef il-qerda tat-tuberkulosi bovina.

4. (1) Għall-finijiet ta' dawn ir-regoli, meta f'Malta l-popolazzjonijiet ta' l-ifrat huma infettati bil-marda tat-tuberkulosi bovina, l-awtorità kompetenti għandha tfassal pjanijiet sabiex titħaffef il-qerda ta' din il-marda, taħt il-kondizzjonijiet stipulati f'subregoli (2) u (3) ta' din ir-regola.

(2) Il-pjanijiet sabiex titħaffef il-qerda tat-tuberkulosi bovina għandhom ikunu maħsuba mill-awtorità kompetenti b'mod li wara li jitlestew, l-imriehel b'mod partikolari jiġu klassifikati bħala "uffijalment ħielsa mit-tuberkulosi", skond provvedimenti Komunitarji f'dan il-kamp, u b'mod partikulari d-Direttiva tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea 64/432/KEE:

Iżda il-pjanijiet għandu jkun fihom lista ta' miżuri li għandhom jittieħdu sabiex titħaffef, tiġi intensifikata jew mitmuma l-qerda tat-tuberkulosi bovina u għandhom jispeifikaw l-miżuri li bihom din il-marda tiġi miġġielda u prevjenuta.

(3) L-awtorità kompetenti għandha tirrapporta lill-Kummissjoni -

(a) il-perċentwali u l-għadd totali ta' mriehel soġġetti għal miżuri ta' kontroll, u ta' mriehel li huma konfermati bħala li għandhom it-tuberkulosi bovina;

(b) l-għadd totali:

(i) ta' annimali soġġetti għal miżuri ta' kontroll;

(ii) ta' annimali li huma suspettati li għandhom il-marda tat-tuberkulosi jew li huma kunsidrati li huma infettati;

(iii) ta' annimali infettati;

(iv) ta' annimali maqtula;

(ċ) it-tul ippjanat tal-programmi tal-qerda inizjali u tal-pjanijiet imħaffa;

(d) il-metodu ta' kontroll applikati għall-verifika ta' l-applikazzjoni effettiva tal-pjanijiet imħaffa;

(e) l-allokazzjoni tal-estimi nazzjonali għall-qerda tat-tuberkulosi bovina u d-divizjoni skond kull partita ta' dawn l-allokazzjonijiet:

Iżda l-informazzjoni msemmija taħt il-paragrafi (a), (b) u (e) ta' din is-subregola għandha tingħata għat-tliet snin li jippreċedu l-applikazzjoni tal-miżuri mħaffa, u ta' kull sena minn hemm 'il quddiem.

(4) Meta fil-ġurisdizzjoni ta' l-awtorità kompetenti, il-popolazzjoni bovina tkun ħielsa mill-marda tat-tuberkulosi, l-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-Kummissjoni bil-miżuri kollha meħuda minnha biex jipprevjenu l-qawmien mill-ġdid ta' dik il-marda.

Pjanijiet sabiex tithaffef il-qerda tal-lewkosi endemika fost l-ifrat.

5. (1) Għall-finijiet ta' dawn ir-regoli, meta l-awtorità kompetenti tistabbilixxi l-preżenza tal-marda tal-lewkosi endemika fost l-ifrat, hija għandha tfassal pjanijiet għall-qerda ta' din il-marda.

(2) Il-pjanijiet għandhom jispeċifikaw il-miżuri ta' kif din il-marda trid tiġi miġġielda.

(3) It-testijiet jew metodi wżati biex jiġi iddikjarat li merħla hija ħielsa mill-marda tal-lewkosi għandhom ikunu dawk preskritti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea 73/30/KEE li tapplika garanziji speċjali tas-saħħa għall-ħarsien mill-marda tal-lewkosi fil-każ ta' annimali bovini importati għat-trobbija jew għall-produzzjoni, kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea 75/64/KEE, jew kull test jew metodu ieħor rikonoxxut bil-proċedura preskritta fir-regola 10.

(4) L-awtorità kompetenti għandha, meta ħekk tintalab tagħmel, tipprovdi lill-Kummissjoni, l-informazzjoni kollha li tirrigwarda t-twettiq tal-pjanijiet.

Nefqa mill-awtorità kompetenti.

6. (1) In-nefqa mill-awtorità kompetenti fir-rigward ta' miżuri meħuda skond ir-regoli 3, 4 u 5 ikunu eliġibbli għall-għajnuna mis-Sezzjoni ta' Gwida tal-Fond.

(2) Miżuri meħuda mill-awtorità kompetenti ma jkunux eliġibbli biex jibbenefikaw mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Komunità sakemm ma tkunx ingħatat deiżjoni favorevoli skond ir-regola 8 fir-rigward tal-provvedimenti li jirreferu għal dan.

Applikazzjoni għall-pagament.

7. Applikazzjonijiet għall-ħlas għandhom ikunu konnessi ma' qtil ta' annimali li jsir mill-awtorità kopetenti matul xi sena kalendarja

u għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni qabel l-1 ta' Lulju tas-sena sussegwenti.

Pjanijiet li għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni mill-awtorità kompetenti.

8. (1) L-awtorità kompetenti għandha tibgħat lill-Kummissjoni l-pjanijiet li hemm maħsuba:

(a) fir-regoli 3 u 4 u l-informazzjoni meħtieġa skond ir-regola (3) (ċ)u (d), u r-regola 4 (3) (ċ)u (d) qabel ma jiġu implimentati, mhux aktar tard minn tlett xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regoli, u wara dan ta' kull sena;

(b) fir-regola 5 kull sena, u qabel ma jiġu implimentati fil-kaz li l-awtorità kompetenti tkun għadha ma fasslitx pjanijiet tagħha.

(2) Il-Kummissjoni għandha –

(a) teżamina l-pjanijiet mibgħuta skond is-subregola (1) bl-iskop li jiġi stabbilit jekk, konformament mad-Direttiva ta' l-Unjoni Ewropea 77/391/KEE u wara li jiġu kunsidrati l-objettivi tagħha, ikunux ġew osservati l-kondizzjonijiet għall-għajnuna finanzjarja mill-Komunità;

(b) fi żmien xahrejn minn meta tirċievi xi pjan bħal dak, il-Kummissjoni għandha tibgħat Deċiżjoni f'forma ta' abbozz lill-Kumitat Veterinarju Permanenti;

(ċ) tagħti l-opinjoni tagħha skond il-proċedura stipulata fir-regola 10, fil-limitu ta' terminu stabbilit mill-president;

(d) tikkonsultat lill-Kumitat tal-Fond dwar l-aspetti finanzjarji.

Kontrolli Komunitarji.

9. (1) Il-Kummissjoni għandha tagħmel kontrolli regolari fuq il-post biex tivverifika, mill-aspett veterinarju, jekk il-pjanijiet humiex qegħdin jiġu applikati.

(2) L-awtorità kompetenti għandha tieħu l-passi meħtieġa biex timplimenta dawn il-kontrolli u b'mod partikulari għandha tiżgura li l-esperti jingħataw, meta hekk jitolbu, kull informazzjoni u dokumentazzjoni li jkollhom bżonn biex jevalwaw l-eżekuzzjoni tal-pjanijiet.

(3) Il-provvedimenti biex jiġi implimentat dawn ir-regoli, b'mod partikolari fir-rigward tal-frekwenza u l-metodu tat-twettiq tal-kontrolli msemmija fis-subregoli (1) u (2), ir-regoli li jirregolaw in-nomina ta' veterinarji uffiċjali u l-proċedura li għandhom isegwu meta jikkompilaw ir-rapport tagħhom, għandhom ikunu stipulati skond il-proċedura mniżżla fir-regola 10.

Proċedura Komunitarja adottata relattivament għal dawn ir-regoli.

10. (1) Meta jkollha tiġi attwata l-proċedura preskritta f'din ir-regola, il-kwistjoni għandha tiġi mressqa mill-president, jew fuq inizjattiva tiegħu jew fuq talba ta' Stat Membru, lill-Kumitat Veterinarju Permanenti.

(2) Il-proċedura għandha titwettaq kif ġej –

(a) ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jippreżenta lill-Kumitat abbozz tal-miżuri li għandhom jiġu adottati;

(b) il-Kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu dwar dawn il-miżuri f'terminu ta' żmien iffissat mill-President, skond l-urġenza tal-kwistjoni;

(ċ) l-opinjoni għandha tingħata mill-maġġoranza kif stabbilit fl-Artiklu 148(2) tat-Trattat fil-każ ta' deċiżjonijiet li l-Kunsill ikun mitlub li jadotta fuq proposta mill-Kummissjoni;

(d) il-voti tar-rappreżentanti ta' l-Istati Membri fil-Kumitat għandhom ikunu peżati skond kif stabbilit fl-Artiklu 148(2) tat-Trattat;

(e) il-President m'għandux jivvota.

(3) Meta l-miżuri –

(a) ikunu skond l-opinjoni tal-Kumitat, il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri u għandha tapplikhom immedjatament;

(b) ma jkunux skond l-opinjoni tal-Kumitat, jew jekk ma tingħatax opinjoni, il-Kummissjoni għandha tibgħat proposta lill-Kunsill mingħajr dewmien dwar il-miżuri li jridu jiġu adottati.

(4) Il-Kunsill għandu jadotta l-miżuri b'maġġoranza kwalifikata:

Iżda jekk il-Kunsill ma jkun adotta ebda miżuri fi żmien tlett xhur mid-data ta' meta tkun ġiet imressqa l-proposta quddiemu, il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri proposti u tapplikhom immedjatament, ħlief fejn il-Kunsill ikun iddeċieda kontra dawn il-miżuri b'maġġoranza sempliċi.